MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 21**

**Il-Erbgħa, 20 ta' Awwissu 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 20 ta' Awwissu 2125 fil-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**21.1 Talba;**

21.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT21.10, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**21.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

21.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Carmelo Micallef u l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

**21.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

21.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 20 ġew ippreżentati, dawn ġew moqrija.

21.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

21.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Il-minuti numru 20 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**21.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

21.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 16/2025 għall-perjodi bejn id-29 ta' Lulju u l-20 ta' Awwissu 2025 li tammonta għal €22,204.35 ġiet approvata u iffirmata.

**21.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

21.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, informa lil membri li għas-sessjonijiet tal-*Pilates u Keep Fit* kien avviċina residenti mill-Fontana iżda dik li kienet set tagħmel il-*Pilates* ma tistax għal din id-darba u għalhekk avviċina zewġ *instructors* oħra. Ser issir laqgħa mal-*instructors* biex niddiskutu prezz u jiġu kkonfermati d-dati waqt li noħorġu *poster* biex naraw l-interess.

21.5.2 Is-Sindku informa lil membri li ħarġet is-sejħa biex ikun jafu liema kunsilli qed jipjanaw li jorganizzaw attivitajiet għat-tfal fiz-zmienijiet tal-Milied. Is-Sindku xtaq li jerġa jorganizza l-avveniment ta *Cooking with Santa* peress li dan kien ta suċċess is-sena l-oħra. Il-membri qablu u ġie deċiż li din tiġi proposta għal-22 ta' Diċembru, 2025.

21.5.3 Is-Sindku informa lil membri li l-applikazzjoni ta funding għal- *Autumn Funland* ma ġietx aċċetata. Wara diskussjoni ġie deċiż li nerġaw napplikaw u nzommu mat-tema ta- *Farm.* Is-Sindku xtaq jiddiskuti u jara jekk il-membri jaqblux li jekk terġa tiġi rrifjutata norganizzawix aħna mill-fondi tagħna. Ġie deċiż li nippruvaw ukoll nitolbu fondi minn xi dipartimenti oħra u nerġaw niddiskutu dan il-punt.

21.5.4 Is-Sindku xtaq jaġġorna lil membri fuq il-*Weekend Break.* Sa din il-laqgħa irċivejna zewġ kwotazzjonijiet li waqt id-diskussjonijiet ġie deċiż li nibqaw infittxu peress li huma ftit għoljin. Ġie deċiż li sal-laqgħa li jmiss niddeċiedu peress li dieħel iz-zmien.

**21.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

21.6.1 Il-Viċi Sindku, is-sinjura Ivana Mizzi semmiet li rċievit ilment fuq indafa fil-*Playing Field* u l-madwar. Is-Segretarju ikkonfermat li l-Playing Field titnaddaf kulljum iżda hemm xi kelb maħrub qed iħammeġ kull filgħaxija, filwaqt li fil- *bin* tal-*playing field* qed jintremew boroż taz-zibel fih. .

21.6.2 Il-Viċi Sindku semmiet ukoll in-nuqqas ta dawl filgħaxija fil-parti fejn ġie *disconnected* l-fanal li kien imwaħħal mal-propjeta li ser titwaqqa fil-parti ta fuq ta Triq tal-Għajn. Ġie ikkonfermat li l-kunsill talab għal *refresh paint* taz-*zebra crossing* filwaqt li saret insistenza lill kuntrattur biex jaqlgħa l-fanal u issir *floodlight.* Il-kuntrattur mar jaqla' l-fanal iżda ġie mwaqqaf mit-TM u mitlub biex jagħmel permess. Meta saret it-talba għal-permess ġie irrifjutat peress li kienet il-ġimgħa ta Santa Marija u fil preżent qed nistennew konferma ta data u ħin meta tista tingħalaq it-triq biex issir ix-xogħol meħtieġ. Fl-istess waqt id-dipartiment qed jirrifjuta li jiżbogħ iz-*zebra crossing* qabel ma tkun imdawla kif meħtieġ. Waqt li kien qed jiġi diskuss dan il-punt, il-kunsillier Horace Micallef ċempel lil TM u ġejna mgħotija ġurnata u ħin biex ix-xogħol kollu jsir.

21.6.3 Il-Viċi Sindku reġat semmiet ir-rikjesta dwar bozza fi Triq Wied Siekel, ġie ikkonfermat li wara is-*shut down* tal-kumpanija tal-Inġiniera ser jiġu fuq il-post biex jaraw x jista' jsir fil-post.

**21.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

21.7.1 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni dwar korrispondenza fuq bejgħ ta kotba mis-sur Charles Bezzina. Wara li tat l-informazzjoni neċessarja fuq il-kotba, il kunsill qabel li jiġi ikkunsidrat xiri ta kotba meta jkollna librerija.

21.7.2 Is-Segretarju infurmat lil membri dwar rikjesta biex jinxtgħel dwal vjola għal-*Intersex awarness.*

21.7.3 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date received | Date sent | From | Title |
|---|---|---|---|
| 30/07/2025 | 30/07/2025 | Reġjun Għawdex | Proposta Ta' Proġetti Kulturali Edukattivi |
| 30/07/2025 | 30/07/2025 | Karl Parnis | Festa Lwien 25 - Ta' Qali Crafts Village |
| 31/07/2025 | 31/07/2025 | Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali | Ċirkulari AKL 2025/043_Grill and Glow Summer BBQ 2025 |
| 31/07/2025 | 31/07/2025 | Reġjun Tramuntana | Post Vakanti: Reġistratur (Skala 10) fuq bażi Full-Time |
| 04/08/2025 | 04/08/2025 | Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali | Ċirkulari AKL 2025/045 - Request to illuminate Landmarks in Purple for Intersex Awareness Day (25-28 October) |
| 04/08/2025 | 04/08/2025 | Institute For the Trades | Stedina: Opportunita għall-istudenti li jixtiequ jitħarrġu fis-Snajja' |
| 05/08/2025 | 05/08/2025 | Marthese Cassar GRDA | GRDA Newsletter Quarter 2 |
| 05/08/2025 | 05/08/2025 | Science in the City | Science in the City Newsletter: Festival Updates, Calls and More |
| 07/08/2025 | 07/08/2025 | Tal-Fuklar Folk Group | Servizzi ta' daqq, kant u żfin waqt serati tradizzjonali u folklor Malti |
| 07/08/2025 | 07/08/2025 | Judy Cassar DLG | Sustainable Urban Development Newsletter - Vol. 1/2025 |
| 07/08/2025 | 07/08/2025 | Ian Magro AKL | Ċirkulari AKL 2025/047 Ingħaqdu magħna fil-'Smart City Expo 2025' - Esperjenza u Opportunitajiet ta' |
| 09/08/2025 | 09/08/2025 | Joseph Fenech Soler | 3D Maps of your Locality |
| 11/08/2025 | 11/08/2025 | Maria Sammut | European Heritage Days 2025 |
| 11/08/2025 | 11/08/2025 | Nicky Saliba | Malta's Sustainable Development Action Days 2025: Your Actions, Our Future! |
| 14/08/2025 | 14/08/2025 | Keith Dimech LCA | Ċirkulari AKL 2025/048_Logreener Project launches its toolkit for sustainable energy planning |
| 14/08/2025 | 14/08/2025 | Emil Vassallo | Expression of Interes - Informative Signage on Cannabis Use in Public Spaces. |

21.7.4 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li peress li ġejna approvati l-iskema - SPI/SCI/3/2025 – Espressjoni ta' Interess - Lokalitajiet aktar nodfa Irridu norganizzaw l-*Clean Up Day* fl-20 ta' Settembru, 2025.

## 21.8 Aġġornament tal-Proġetti;

21.8.1 Is-Sindku xtaq jinforma li illum saret laqgħa mal-benej taċ-Ċentru Ċiviku. Il-problema kienet li l-ġebel li kien qed jinqata' mill-barriera ma kienx tajjeb biex issir l-arzella tal-bieb prinċipali. Ix-xogħol suppost jitkompla fil-ġimgħat li ġejjin.

21.8.2 Is-Sindku xtaq jikkonferma li x-xogħol tal-proġett ta Taħt ir-Railing ukoll qed jitkompla. Hu stmat li dan il-proġett jitlesta sa Ottubru. Hekk kif jtlesta l-aħħar fażi nibdew il-ħajt u wara li nircievu l-istimi tal-ħadid tar-railing biex kif nirċievuhom jiġu mresqa għall-approvazzjoni tal-kunsill biex ikun jista jibda dan ix-xogħol ukoll.



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

21.8.3 Is-Sindku informa ukoll li c-CCTV cameras se jkun qed jitwaħħlu matul il-ġimgħa d-dieħla. Wara li jitwaħħlu jiġu *linked* mal-għassa tal-pulizija u saret ukoll talba biex jiġu *monitored* ukoll mill-LESA.

**21.9 Attivitajiet fix-xhur li ġejjin;**

21.9.1 Is-Sindku informa li wara ġejna mogħtija il-fondi tal-iskema *SPI/SCI/02/2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 / 2026* saret l-ewwel laqgħa mal-maniġer tal- Kantera biex naraw x għandna bżonn, kif ukoll biex nibdew nikkonfermaw xi servizzi li huma meħtieġa għal din l-attivita'.

21.9.2 Is-Sindku xtaq jiġi diskuss jekk il-kunsill jgħinx ukoll fuq il-parkeġġ li jintuża s-soltu u li għalih din is-sena qed tiġi mitluba is-somma ta €200. Ġie issuġerit li nitkellmu mas-sid tal-għalqa li aħna nagħtu l-approvazzjoni biex jinħaraq in-nar għal dan l-aħħar snin. Wara diskussjoni fuq l-kontribut li jista jingħata mill-kunsill, ġie deċiż li s-Sindku ser ikellem lil sid l-għalqa, filwaqt li waqt l-avveniment jiġi imoniterjat kemm qed jintuża s-servizz tal-*Park & Ride* biex inkunu nafu jekk is-sena d-dieħla kemm nibbukkjaw *minibuses.*

**21.10 Sports Fest 2025;**

21.10.1 Is-Sindku informa lil membri li ġew ordnati t-*Trophies* bħas-sena l-oħra. Is-sindku xtaq jippropni li għal din is-sena jinġab *photographer* biex jieħu r-ritratti tal-okkazzjoni,filwaqt li din is-sena ma tingħatax l-borza tal-ħelu. Hu ġibed ukoll l-attenzjoni li għal din is-sena ser ikun hemm ukoll l-*merchandise* mingħand Sports Malta li ser jiġu mqassma lit-tfal preżenti.

**21.11 Infurzar fuq indafa mill-LESA u Community Police;**

21.11.1 Is-Sindku xtaq jinforma lil membri li l-LESA offrew li nistaw nuzaw servizz tagħhom biex huma jgħinu fil-moniteraġġ f' każijiet fejn qed jiġi mormi ikel u ħmieġ minn nies f' ħinijiet partikulari. Is-Sindku ippropona li issir talba biex naraw kemm jiswa dan il-moniteraġġ. Il-membri qablu li issir it-talba u jiġi diskuss dan il-punt wara li jkun hemm l-informazzjoni. Il-Community Police ser ikun jgħin

**21.12 Quarter 1 u Quarter 2 Financial Reports ;**

21.12.1 Is-Segretarju ippreżentat lil membri il-*Quarter 1 u l-Quarter 2 Financial Reports*. Wara li dawn ġew analizzati u ikkonfermati mill-membri, id-dokumenti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**21.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5:15 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar il-Ħamis 11 ta' Settembru fit-03:30 p.m.

Konfermati, llum, l-Ħamis, 11 ta' Settembru, 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA